MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 35/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewgu fil-21 t'Awwissu 1982, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal D u E; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadiex aktar possibbli u dan minhabba eccessi, mohqrija, sevizzi, ingurji gravi kif ukoll vjolenza da parti ta' l-intimat fil-konfront ta' l-attrici u ghaliex iz-zwieg tkisser irrevokabilment; li kull tentattiv ta' rikonciljazzjoni jew ftehim bonarju ma rnexxiex; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li l-konvenut jghid ghaliex din Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunza s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendcenti ghal ragunjiet imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tordna u tikkonferma illi l-kura u l-kustodja tal-minuri E tigi fdata esklussivament lill-attrici, salv kull dritt ta' access li din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda lill-konvenut;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas retta alimentarja xierqa u adegwata lill-attrici ghaliha u ghal binthom minuri E;

4. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikli 48 u 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-konvenut u favur l-esponenti;

5. Tiddikjara, occorrendo bl-opera ta' perit nominandi, ix-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, b'mod illi jigu stabbiliti l-porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati lill-partijiet, b'mod illi d-dar matrimonjali tigi assenjata lill-attrici;

6. Tawtorizza lill-esponenta sabiex tabita fid-dar matrimonjali esklussivament wahedha ma' wliedha, anki in vista tal-vjolenza subita minnha da part ital-konvenut;

7. Tawtorizza lill-esponenta sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet izda minhabba tortijiet imputabbli lill-attrici; ikkontesta t-tieni talba minhabba li mhux fl-ahjar interess tal-minuri; li t-tielet talba ghandha tigi milqugha limitatament ghall-manteniment tal-minuri sakemm il-kura u l-kustodja ma tigiex fdata lill-konvenut u l-manteniment ghall-attrici

ghandu jigi michud; illi r-raba’ talba ghandha tigi michuda peress li t-tifrik taz-zwieg kien tort ta’ l-attrici; m’oggezzjonax ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti purche` din tkun f’ishma ugwali; illi s-sitt talba ghandha tigi michuda u konsegwentement id-dar ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam f’ishma ugwali;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-hajja konjugali m’ ghadhiex aktar possibbli ghal ragunijiet unikament attribwibbli lill-konvenut fit-termini ta’ l-artikoli 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; inoltre qed titlob li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tort tat-separazzjoni unikament lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewgu fil-21 t’Awwissu 1982, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, D li twieldet fl-4 ta’ Jannar 1989 u E li twieldet fit-13 t’Ottubru 1993.

Illi rizultat ta’ inkwiet matrimonjali li beda qabel ma’ twieled it-tfel tal-partijiet, il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali fit-23 ta’ April 2005; u wara ftit xhur harget fil-berah relazzjoni extra-matrimonjali hu kellu, u ghad ghandu, ma’ certu Antonella Cachia li minnha ghandu tifel li twieled fil-11 ta’ Marzu 2006.

*Verzjoni Attrici*

Illi l-attrici tghid li l-konvenut ghandu problema ta’ xorb u kemm-il darba kien aggressiv u vjolenti maghha. Hija tghid li riedet tissepara aktar minn darba imma biex tipprova ssalva z-zwieg u taghti lill-konvenut cans iehor kienet terga’ lura.

L-attrici tghid dwar il-komportament tal-konvenut u ghaliex kellha titlaq mid-dar matrimonjali “*swat, fit-2002 hfirtlu anki l-habs bi swat fuqi u wara sentejn kelli garanzjija li ma jmissnix u ma kontx naf li taghlaq wara sentejn u wara sentejn rega’ beda u l-istess hajja. Jigi filghodu kmieni, jghajjarna, jitfana l` barra nghixu fil-karozza... Hu alcoholic mill-kbar u meta jigi bix-xorb, meta jaghlaq il-bieb lilna kien jarana ta’ barra minn hawn. Barra hekk jien dejjem kont nahdem biex immantni t-tfal, kissirli wkoll il-hanut li jappartjeni lilu wkoll... Gejt bla xoghol ukoll ghax hu ma jaghti qatt xejn x’nieklu, qatt, u hu bit-taxi. Jigifieri jiena il-hajja tieghi, z-zwieg tieghi, xorta jien nippartjeni mit-tfal, niehu hsiebhom, ikel, dawl, kollox. Hu just imur, jaghmel ix-xoghol tieghu mbaghad imur jixrob, jigi filghodu u wara li jigi jghajjrek, isawwtek, trid titlaq il` barra. Ghamilt perjodu jien norqod Ta’ Qali f’karozza... Ghamilt perjodu ta’, din it-tielet separazzjoni, illi sejra jien minn 1992, il-kaz tieghu u nahfirlu u nghid se jinbidel pero` qatt ma nbidel*”[1].

Jirrizulta mill-provi li l-attrici kienet bdiet proceduri ghas-separazzjoni personali fis-sena 1992, u wkoll fis-sena 2002, izda kienet irtirat il-proceduri bis sforz li tipprova ssalva z-zwieg.

L-attrici ssemmi numru kbir ta’ incidenti fejn hija tghid li l-konvenut kien vjolenti, hedded, ghajjar u insulenta kemm lilha kif ukoll lill-uliedhom. Hija ssemmi li kemm-il darba l-konvenut pprova jidhol u fil-fatt dahal fid-dar matrimonjali taghhom anke wara li gie ordnat li jitlaq. Incident iehor li ssemmi l-attrici huwa meta l-konvenut kisser il-vettura li kienet tuza hi u b’hekk spiccata ma tistax taqdi l-bzonnijiet anke tat-tfal.

[1] Fol. 90 tal-process.

In fatti mill-provi jirrizulta li b’ sentenza[2] defenittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta’ Mejju 2002, dwar incident li sehh fid-9 ta’ Ottubru 2001 u li fih l-attrici sfat vittma ta’ vjolenza, il-konvenut kien gie kkundannat xahar detenzjoni u marbut b’ garanzija ta’ sena li ma jimmolestax lill-attrici. Wkoll, b’ sentenza defenittiva moghtija mill-istess Qorti tal-Magistrati fit-30 ta’ Ottubru 2006[3] il-konvenut kien gie kkundannat, fuq ammissjoni tieghu stess, talli fil-25 ta’ Gunju 2006 kkaguna feriti hfief fuq l-attrici.

Inoltre, b’ sentena moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta’ Gunju 2008[4] li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, l-konvenut wehel piena ta’ tlett xhur prigunerija minhahha talli fit-15 ta’ Settembru 2008 uza vjolenza kontra martu fid-dar.

L-attrici tghid li binthom il-kbira D ghandha bzonnijiet specjali u l-konvenut qatt ma ha ebda interess anqas finanzjarju fil-bzonnijiet ta’ taghha u tghid li “*it-tifla l-kbira pelvic kidney wahda, barra hekk nieqsa mis-smigh, ghandha murmur, gejja u sejra l-isptar*”[5]. Hija tghid li dejjem garret il-piz tal-bzonijiet medici ta’ bintha waheda.

Kien il-komportament abuziv da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici u tat-tfal taghhom li gieghel lill-attrici titlaq mid-dar matrimonjali fis-sena 2006 flimkien maz-zewgt itfal u tmur tghix ghand ommha, izda peress li l-post kien zghir, hija eventwalment kriet appartament fejn marret tghix ma’ uliedha.

Rigward ix-xoghol l-attrici tghid li hija dejjem hadmet izda kien il-konvenut li kien jisfrattalha x-xoghol, “*l-aggressjonijiet u l-vjolenzi da parti tal-konvenut baqghu ghaddejjin, tant illi fil-15 ta’ Dicembru 2006, ikkagunali griehi hfief wara li aggredini. Sa dakinahr, jien kont nahdem fil-hanut komuni tieghi u tal-konvenut, izda f’dan l-incident jiena gejt allontanata minn xogholi, bi vjolenza u*

[2] Fol.19
[3] Fol.24
[4] Fol.112
[5] Fol. 89 tal-process.

*b'theddid u b'hekk spiccajt bla xoghol*"[6] u "*bqajt f'dak ix-xoghol sakemm ir-ragel tieghi waqqfni minnu. Ir-ragel kien kissirli l-hanut u kelli nieqaf mix-xoghol*"[7]. L-attrici ssostni li hija dejjem hadmet, hija tghid li hija kienet tahdem fil-hanut. Inoltre, l-attrici tghid li "*il-hanut konna nghixu minnu*"[8].

Illum l-attrici ma tahdimx minhabba ragunijiet ta' sahha. Hija tghix fuq l-assistenza socjali u tircievi l-ammont ta' €390 fix-xahar u €3.44 kull tlett xhur[9].

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut issostni li l-attrici kellha numru ta' relazzjonijiet extrakonjugali, huwa jsemmi lil certu Charles il-Pina, Giovann mlaqqam il-Papa mill-Hamrun, dan ta' l-ahhar l-konvenut jghid li sahhansitra dahal id-dar wara li huwa gie ordnat mill-Qorti sabiex jallontana ruhhu. Inoltre, jsemmmi wkol lil certu Biran Bonnett u Max li jahdem Construct Furniture.

Fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet li saru minn bint il-partijiet D, il-konvenut jghid li "*jiena ma kontx niehu hsiebha u nghajjarha u nghid li hi mhiex it-tifla tieghi, m'hu xejn minnu. Jiena kont nipprovdi ghall-familja bix-xoghol tieghi, kont inhalli l-flus id-dar, f'post fejn kellha access ghalih Myriam, il-flus li kellna l-bank kellha access ghalihom Myriam. Il-familja dejjem kont naghmel milli nista' biex ikollha dak kollu li riedet*"[10]

Il-konvenut jghid li kien jahdem bhala *self employed part-time* bhala xuffier tat-taxi izda safa minghajr impieg peress li kien wehel multa ta' €580 u ghalhekk tilef l-*special licence* u b'hekk ma setghax jahdem ta' xuffier tat-taxi aktar[11].

---

[6] Fol. 102 tal-process.
[7] Fol. 376 tal-process.
[8] Fol. 255 tal-process.
[9] Fol. 347 tal-process.
[10] Fol. 260 tal-process.
[11] Fol. 257 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi ghalkemm il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti dwar l-inkwiet matrimonjali, il-verzjoni tal-attrici hija aktar affidabbli minn dik tal-konvenut, tenut kont li tinsab korroborata mil-sentenzi moghtija mill-qrati kriminali, mid-diversi rapport maghmula lill-pulizija, u anke mix-xhieda tat-tifla D maggjorenni.

Inoltre, rigward l-allegazzjoni ta' adudlterju, maghmula mill-konvenut fil-konfront tal-attrici, din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' lill-partijiet, u x-xhieda mressqa mill-konvenut, u taghti affidament lill-attrici.

Jirrizulta li l-konvenut instab hati u addirittura kellu jiskonta sentenza ta' prigunerija, u minkejja wkoll il-fatt li hu "*kien lest illi isegwi programm mas-Sedqa ghall-problema tax-xorb u program mal-Agenzija Appogg fi hdan it-Taqsima ta' Vjolenza Domestika precizament ghall-'anger management'... jidher li l-imputat baqa' jsegwi is-sessions tieghu mal-Agenziji koncernati ghall-perijodu qasir imbaghad fegg incident bejn il-konjugi illi dwaru l-imputat ghaddej kumpilazzjoni quddiem Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta*"[12].

Illi fl-14 ta' Frar 2008 din il-Qorti ordnat li "*l-attrici flimkien mat-tfal taghha li wahda minnhom ghadha minorenni, hija awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali... ad eskluzjoni ta' zewgha*"[13]. Il-Qorti wkoll tinnota li l-attrici ghamlet sitt xhur tikri appartament minhabba li kellha titlaq mid-dar u dan kagun ta' l-agir vjolenti tal-konvenut. L-istess attrici inkorriet Lm125[14] bhala kera fix-xahar ammonti b' kollox ghal' €1,747.03 [LM750], rapprezentanti kera mhallsa mill-attrici waqt li l-konvenut kien qieghed jghix god-dar matrimonjali filwaqt li martu l-attrici u wliedu kellhom isibu akkommodazzjoni alterantiva u dan dejjem minhabba l-agir inaccettabbli, vjolenti u abbuziv tieghu.

Inoltre, mix-xhieda tat-tifla D jirrizulta li l-konvenut kien jaggixxi b'mod abbuziv, it-tifla tghid li "*missieri minn*

[12] Fol. 20 tal-process.
[13] Fol. 82 tal-process.
[14] Fol. 88 tal-process.

*dejjem jghajjarni u joffendini u jaghmel minn kollox biex jaqla' argumenti mieghi*". Tirrakonta wkoll kif il-konvenut kien qallha "*Mur fittex lil missierek ghax jien ma gibtx tifla f'din id-dinja b'kilwa wahda*".[15]

Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta manifest li z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrevokabbilment, u dan minhabba l-komportament abbusiv da parti tal-konvenut, li ghandu problema ta' dependenza ghax-xorb alkoholiku, fil-konfront ta' l-attrici u, anke sa certu grad, tat-tifla D, konsistenti fi swat, theddid u tghajjir, kontinwu, fuq bazi abitwali u ripetut u li ghalhekk jikkostitwixxu 'sevizzi u ngurja gravi' da parti tal-konvenut fit-termini tal-Artiklolu 40 fuq citat, u li fil-fehma ta' din il-Qorti ghandhom jattiraw fil-konfront tal-istess is-sanzjoni tad-dekadenza kontemplata fl-Artikolu 48[1] tal-Kap.16, u dan mill-15 ta' Dicembru 2006.

**Kura u Kustodja**
Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri minhabba l-fatt li ulied il-partijiet illum huma t-tnejn maggjorenni.

**Manteniment**

*Minuri*
Illi fir-rigward tal-manteniment tal-minuri dina l-Qorti permezz ta' digriet datat 5 ta' Frar 2008 ordnat sabiex il-konvenut ihallas mantiniment ta' €30 kull erba' gimaghat[16], liema digriet gie emendat permezz ta' verbal waqt is-smigh ta' l-14 ta' Frar 2008 fis-sens li dina s-somma ta' €30 tkun dovuta fil-gimgha u mhux kull erba' gimghat[17].

---
[15] Fol.110 tal-process.
[16] Fol. 57 tal-process.
[17] Fol. 82 tal-process.

Illi waqt is-smigh ta' l-1 ta' Marzu 2012 l-attrici qablet li l-konvenut hallas il-manteniment kollu fir-rigward tal-minuri, fil-fatt il-verbal jghid, "*Il-konvenut hallas seduta stante lill-attrici ta' elf sitt mija u tmenin euro (1,680)a saldu tal-manteniment dovut minnu lill-attrici sa llum u cioe` sa kemm il-minuri ghalqet it-tmintax u ghalhekk ma hu dovut l-ebda manteniment iehor fir-rigward tat-tifla u dan stante li t-tifla magoreni izda taht it-23 sena ma tikwalifikax 3B tal-Kap. 16. L-attrici taqbel ma' dan*"[18]. Illi dan il-verbal sar wara li giet ipprezentata n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici[19] u ghalhekk l-ebda manteniment m'huwa dovut fir-rigward tat-tifla E.

*Attrici*
Illi ladarba ghat-tifrik taz-zwieg huwa hati unikament il-konvenut, dan ghandu l-obbligu li jhallas manteniment lill-attrici, izda fil-prezent, *rebus sic stantibus*, stante li z-zewg partijiet jghixu bl-assistenza socjali, u tenut kont li l-problema tax-xorb li ghandu l-konvenut, marbuta wkoll mal-eta' tieghu, tillimitalu l-potenzjal tieghu milli jahdem, din il-Qorti mhux ser tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaliha, izda minflok ser tassenja lill-attrici l-fond "Casa Madonnina" Tumas Chetcuti Street, Attard bl-ghamara li hemm go fih.

Dan pero' minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-attrici li tezigi retta alimentarja mensili minghand il-konvenut kemm-il darba dan jibda jahdem b' introjtu adegwat.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
*Likwidazzjoni*

Din tikkonsisti fis-segwenti:
[1] **Id-dar matrimonjali u l-ghamar ta' gewwa fiha,** l-fond "Casa Madonnina", Tumas Chetcuti Street, Attard ghall-valur ta' €280,000, liema valur ma giex ikkontestat u li skont l-istima tal-Perit David Psaila[20] il-valur tal-fond matrimonjali huwa ta' €255,000 u ghalhekk l-ghamara

[18] Fol. 441 tal-process.
[19] Fol. 410 tal-process – datat 14 ta' Dicembru 2011
[20] Fol. 429 tal-process.

qieghda tigi valutata b'id-differenza u ghalhekk ghas-somma ta' €25,000;

[2] **Hanut** tal-hanut bl-isem "Family Shop" li jinsab fi Triq it-Torri, B'Kara u l-garage li jinfed maghhom, li gie valutat mill-Perit David Psaila li jiswa €280,000[21];

[3] **Vetturi**

- Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni YAR-032
- Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni CBO-256, illi ghalkemm l-attrici tqisa li hija parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, il-konvenut issostni li dina hija propjeta ta' missieru u ghalhekk mhiex parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti
- Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni KAQ-193, li l-attrici ssostni li l-konvenut b'mod volontarju kkaguna hsarat lil dina l-karozza, il-konvenut ma joggezzjonax li dina ghandha tigi assenjata lill-attrici;
- Micra bin-numra ta' registrazzjoni FAP-251, l-attrici ssostni li din inxtrat mill-attrici sabiex tissostwixxi l-Isuzu Gemini li kisser il-konvenut u da parti tieghu l-konvenut ma jaghmel ebda talba fir-rigward ta' dina l-vettura;

[4] **Deheb**

**Krediti Parafernali**

Illi jirrizulta li l-partijiet kellhom kitba taz-zwieg maghmula fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Sydon datata 12 t'Awwissu 1982, fejn jidher li l-attrici ghandha kreditu ta' Lm6,200 ekwivalenti ghal €14,442.12.

Illi l-konvenut issostni li huwa kellu terran bl-isem ta' "Dallas", fi Triq il-Gdida maghrufa bhala New Street f'Pitklai Road, limiti ta' Attard li huwa xtara qabel iz-zwieg u li bieghha fit-12 ta' Mejju 1994 ghal prezz ta' €47,752.15, dan jirrizulta mid-dokumenti pprezentati fil-

---
[21] Fol. 431 et seq

mori tal-kawza u li jinsabu a fols.261 et seq.. Il-konvenut jghid li dawn il-flus marru sabiex tinbena u tintela` d-dar matrimonjali.

Illi fir-rigward tal-Morris Marina, il-konvenut ma gab l-ebda prova.

Illi ghalhekk id-differenza bejn iz-zewg krediti parafernali hija ta' €33, 310.03 favur il-konvenut.

*Assenjazzjoni*

[1] Illi in vista tas-sucitat id-dar matrimonjali "Casa Madonnina", Tumas Chetcuti Street, Attard qieghda tigi assenjata lill-attrici inkluz l-ghamara ta' gewwa fiha, b' mod li din tigi tappartjeni lill-attrici fl-intier taghha, u li ghalhekk ma tibqax titqies bhala d-dar matrimonjali;

[2] Illi l-hanut bl-isem "Family Shop" li jinsab fi Triq it-Torri, B'Kara u l-garage li jinfed maghhom qed jigu assenjati lill-konvenut b' mod li dan il-fond jigi jappartjeni lilu fl-intier tieghu;

[3] Illi in vista tal-kreditu parafernali tal-konvenut qed jigu assenjati lilu l-vettura Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni YAR-032 kif ukoll il-vettura Mercedes CBO-256 u dan ghas-saldu tal-pretenzjonijiet parafernali kollha tal-konvenut stante l-fatt li l-valutazzjonijiet ta' dawn il-vetturi huma ta' €60,563.71 u €3,028.19 rispettivament, liema valutazzjonijiet ma gew ikkontestati mill-konvenut.

[4] Illi l-vetturi l-ohra qed jigu assenjati lill-attrici

[5] Fir-rigward tad-deheb, il-konvenut issostni li dan inxtara waqt iz-zwieg izda li jinsabu fil-pussess ta' l-attrici[22] pero' l-ebda evidenza ma ngabet dwar dan.

[6] Il-konvenut isemmi wkoll dejn mal-genituri tieghu[23] li jifforma parti mill-komunijoni ta' l-akkwisti, izda f' dan ir-

[22] Fol. 258 tal-process.
[23] Fol. 258 tal-process.

rigward l-azzjoni ghandha tkun wahda maghmula mill-genituri u mhux meritu ta' dina l-kawza. Fil-kaz li dan id-dejn jigi fil-fatt provat fi proceduri ad hoc, dan ghandu jitqies bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ghandu jigi sopportat miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

[7] Fir-rigward tal-kawza 'C B vs Kummissarju tat-Taxxi Interni' fejn il-konvenut qed jikkontesta l-ammont ta' €5625.44 pretiz mill-Kummissarju, liema kawza ghada pendenti, il-Qorti tordna li fil-kaz li dan id-dejn jirrizulta dovut, u tenut kont li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, stante li, kif mistqarr mill-istess attrici, it-taxxa pretiza mill-Kummissarju jirreferi ghal plot 6 mill-art ta' Sqaq it-Torri sive Tat-Torri Birkirkara li kienet akkwistata matul iz-zwieg[24], dan ghandu jigi sopportat miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali[25];

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenut;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante l-fatt li E m'ghadhiex minorenni;

[3] tilqa' t-tielet talba, limitatament u fit-termini, fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata '**Manteniment';**

[4] tilqa' ir-raba' talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost kontenut fl-Artikolu 48[1] tal-Kap.16 fl-intier tieghu;

[5] tilqa' l-hames talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwist u li din tigi likwidata u assenjata kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Komunjoni ta' l-Akkwisti';**

[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li l-fond li qabel kien id-dar matrimonjali gie assenjat fl-intier tieghu lill-attrici';

[24] Fol.349 – Dep. Attrici
[25] Fol. 349 tal-process.

[7] tilqa’ s-seba’ talba;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------